**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 - IT-TLIETA 5 TA' JANNAR 2010**

Għalkemm il-Kunsill kien imsejjaħ fis-7:30pm, minħabba li kienet organizzata l-attività u r-rkordjar tal-programm televiżiv tat-tqassim tal-unuri tal-*Green Challenge* u *Local Enterprise Support Awards* u li damet sa tard, kien hemm qbil unanimu minn qabel li l-Kunsill jiltaqa' xorta waħda iżda biss biex jiddiskuti r-rapporti fuq il-mezzi tal-media fl-aħħar ġranet dwar il-Fieri fin-Naxxar. Il-Kunsill għalhekk iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-10:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (marid) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm preżenti Noel Gatt li kien għadu kemm ġie elett bħala Kunsillier wara elezzjoni każwali biex jimla' l-post ta' Victor Agius. Minħabba li ma kienx għadu ħa l-ġurament ma setax jipparteċipa fil-laqgħa. | |

**1. MINUTA SILENZJU**

1.1. Hekk kif bdiet il-laqgħa ġiet segwita minuta silenzju b'tifkira tal-Kunsillier Victor Agius li miet fil-21 ta' Diċembru.

**2. ELETT KUNSILLIER ĠDID**

2.1. Is-Sindku laqgħet u ferħet lis-Sur Noel Gatt li ġie elett fl-elezzjoni każwali li saret propju l-ġurnata ta' qabel. Madanakollu, minħabba li kien għadu ma ħax il-ġurament, ma setax jipparteċipa fil-laqgħa.

**3. IL-FIERI FIN-NAXXAR**

3.1. Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni abbozz ta' stqarrija għall-istampa wara li fil-ġranet ta' qabel il-mezzi tal-istampa kienu rrappurtaw li ġiet iffurmata kumpanija ġdida li trid tibda tagħmel il-fieri mill-ġdid fin-Naxxar.

3.2. F'dan il-ħin is-SE ippreżenta d-dokumenti tal-Pjan Lokali għaċ-Ċentru ta' Malta li partijiet minnu jitkellmu propju dwar dan is-suġġett.

3.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li tinħareġ l-istqarrija annessa f'A.

3.4. Kien hemm qbil li ħadd ħlief is-Sindku m'għandu jagħti kummenti lill-istampa dwar dan is-suġġett.

3.5. Il-Kunsill talab lis-SE biex jibgħat ukoll kopja tal-istqarrija lill-membri kollha hekk kif tintbagħat.

## 4. AĠĠORNAMENT

4.1. Fil-23:20 il-Kunsill qabel li jaġġorna għat-Tlieta 19 ta' Jannar fis-19:30.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

**Stqarrija għall-istampa**

Wara li, permezz tal-mezzi tal-istampi a, il-Kunsill Lokali Naxxar skopra li tħejja pjan biex fin-Naxxar jerġgħu jibdew isiru l-fieri, f'laqgħa li saret it-Tlieta 5 ta' Jannar 2009 il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u unanimament qabel li għandu joġġezzjona bil-qawwa kollha għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

1. Il-Kunsill Lokali Naxxar fl-ebda ħin ma kien ikkonsultat jew mgħarraf uffiċjalment b'dak li kien hemm maħsub.
2. Il-Kumpanija l-ġdida TFEA ma ħadet l-ebda konsiderazzjoni tal-impatt fuq ir-residenti tan-Naxxar.
3. Il-ħsieb u l-ftehim bejn TFEA u Scicluna Estates kif gie rrappurtat fuq il-mezzi tal-media ma jirriflettix dak li jidher fil-Pjani kun Lokali għaċ-Ċentru ta' Malta ippreparat u approvat mill-MEPA f'Lulju 2006.
4. Il-Kunsill Lokali Naxxar jinsab imhasseb ghax m'ghandux dettalji x'jista' jkunu l-attivitajiet ohra imsemmija fil-konferenza stampa.

Huwa fatt magħruf li l-impatt fuq ir-residenti kollha tan-Naxxar fiż-żmien li kienu jsiru l-fieri tant kien negattiv li kienu ħafna dawk li għażlu li jitilqu min-Naxxar propju minħabba l-inkonvenjenzi kbar li kien ikollhom jgħaddu minnhom. Dan kien jinkludi konġestjonijiet kbar ta' traffiku li jestendi sa lokalitajiet oħra, problemi ta' parkeġġi, ostakolu ta' passaġġi privati, dħaħen mill-vetturi u ħmieġ kemm fit-toroq kif ukoll fi propjetajiet privati. Dan kollu wassal biex anki l-istess MEPA irrikonoxxiet dan kemm fil-Pjan Lokali għaċ-Ċentru ta' Malta u anki fir-Revised Ta' Qali Action Plan li jagħmel parti min-North West Local Plan (għal dettalji dwar dan ara l-links annessi). Il-Kunsill għandu informazzjoni wkoll li l-art li fil-preżent hija parkeġġ se tinbiegħ u għalhekk, jekk isir dan, il-parkeġġ ikompli jonqos bil-kbir.

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Naxxar jistenna izjed kjarifikazzjonijiet.

*Riferenzi:*

http://www.mepa.org.mt/file.aspx?f=2759 paġna 127 artiklu 12.1.3, paġna 128 taħt 'Summary of Issues', paġna 129 (introduzzjoni, 12.1.9 u 12.1.10)

www.mepa.org.mt/file.aspx?f=1116 paġna 66 artiklu 13.27